II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Mejju 2014

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe

(2014/334/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija") billi adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007 ([1]).

(2) L-applikazzjoni tal-aħħar Protokoll ([2]) li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija skadiet fit-12 ta' Mejju 2014.

(3) L-Unjoni nnegozjat Protokoll ġdid mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, għal perjodu ta' erba' snin, li jagħti lill-bastimenti tal-Unjoni opportunitajiet ta' sajd fl-ilmijiet li fuqhom ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe għandha s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sajd. Mal-konklużjoni tan-negozjati ġie inizjalat, fid-19 ta' Diċembru 2013, Protokoll ġdid.

(4) Biex tkun żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni huwa previst li l-Protokoll il-ġdid jiġi applikat b'mod provviżorju sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu. Din l-applikazzjoni provviżorja tibda mid-data tal-iffirmar tiegħu, iżda mhux qabel id-data ta' skadenza tal-aħħar Protokoll.

(5) Il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

([2]) Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (ĠU L 136, 24.5.2011, p. 5).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju, skont l-Artikolu 14 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu [1] , iżda mhux qabel it-13 ta' Mejju 2014, sa meta jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

A. TSAFTARIS

[1] Id-data tal-iffirmar tal-Protokoll se tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.